**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 268/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert N. Ciappara)**

**vs**

**Paul Spagnol**
**(ID 224267(M))**

**Illum, 28 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Paul Spagnol** ta' 37 sena, iben il-mejjet Pawlu u Doris nee` Bezzina, imwieled il-Pieta` fit-28 ta' Mejju 1967 u residenti Flat 32, Triq il-Ballut, San Ġwann, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 224267(M) jinsab akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, matul is-sena 2000:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza

msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga

msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll illi tkun tista' tressaq il-provi sabiex turi li r-rekwiżiti meħtiega ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[1];

Rat ukoll illi l-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, fuq talba tad-difiża, il-Qorti ħatret lill-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland bħala espert, sabiex tirrelata bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-drogi eroina u kokaina matul is-sena 2000[2];

Rat ir-relazzjoni ippreżentata minn Dr. Roberta Holland fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2020[3] u semgħet ix-xhieda tagħha tal-istess jum[4];

Rat ukoll l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar din it-talba tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, kif ingħad, l-imputat **Paul Spagnol** qiegħed jiġi akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess tad-drogi eroina u kokaina, b'referenza għas-sena 2000 u dan wara illi f'Mejju tas-sena 2004, ċertu Gerald Rapinett allega illi l-imputat kien talbu jbiegħ xi droga kokaina u eroina li l-istess imputat kellu moħbija, u jeħodlu l-flus provenjenti minn dan il-bejgħ ġewwa l-ħabs, fejn skont ix-xhud, kien jinsab l-imputat dak iż-żmien. L-istess Gerald Rapinett allega wkoll illi huwa kien għamel xi żmien jixtri l-kokaina mingħand l-istess imputat.

Sabiex it-talba tad-difiża tiġi milqugħa, irid neċessarjament jiġi pruvat mid-difiża, għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, illi jissussistu r-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 8 tal-

[1] Ara a fol. 96 tal-proċess.
[2] Ara l-istess verbal a fol. 96 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 109 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara a fol. 102 sa 108 tal-proċess.

Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, *inter alia* u primarjament illi r-reati li bihom jinsab akkużat l-imputat huma sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

Illi l-uniċi provi li d-difiża tidher li qegħda tistrieħ fuqhom f'dan il-każ huma x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Fabri u l-konklużjonijiet raġġunti mill-espert Dr. Roberta Holland, li kif ingħad, ġiet maħtura minn din il-Qorti, fuq talba tal-istess difiża sabiex tirrelata dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-drogi eroina u kokaina fiż-żmien li għalih jirreferi l-każ odjern. Mix-xhieda tal-istess espert u mir-relazzjoni tagħha, ftit li xejn jibqa' dubju dwar id-dipendenza severa tal-imputat fuq id-droga, liema droga huwa beda jagħmel użu minnha sa minn meta kien għadu minuri. Fi kliem l-istess espert, l-informazzjoni li ġabret dwar l-imputat:

> "…ma jħalli l-ebda dubju rigward id-dipendenza li kellu fuq id-droga."[5]

u dan filwaqt li żżid tixhed illi fis-sena 2000:

> "l-livell ta' dipendenza kien għadu serju."[6]

L-espert tfisser ukoll illi din id-dipendenza fuq iż-żewġ sustanzi tirriżulta wkoll b'mod oġġettiv mill-*admission records* tal-ħabs, fejn l-imputat ġie ammess f'madwar tletin okkażżjoni, hekk kif tirriżulta wkoll b'mod oġġettiv r-rijabilitazzjoni tal-imputat. L-espert fil-fatt tirrelata illi:

> "L-imputat ta storja tipika ta' persuna dipendenti mid-droga b'elementi li wieħed normalment jistenna f'tali storja u stil ta' ħajja. Id-deskrizzjonijiet tiegħu kienu reali u rekords uffiċjali jikkonsolidaw dak kollu li qal l-imputat dwar l-użu tad-droga u l-bqija ta' ħajtu.
>
> Madwar is-sena 2000, meta kellu 33 sena, waqt li kien iservi xi sentenzi l-ħabs, l-imputat kien trasferit għal programm tas-SATU sabiex jindirizza l-problema tad-droga. Huwa dam 33 xahar u kif spiċċa minn hemm peress li spiċċatlu s-sentenza, huwa reġa' kompla fil-programm tal-Caritas għal madwar sena oħra, sas-sena 2004. B'hekk jidher li għamel kważi erba' snin b'kollox fi programmi tad-droga, u dan sa ma kellu madwar 37 sena.
>
> L-imputat jgħid li minn wara dawn il-programmi, huwa qatt ma reġa' mess ma droga. Meta kienu konsultati rekors uffiċjali mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, inkluż dawk relatati ma' l-applikazzjoni ta' l-imputat għal-Parole, dawn kienu wkoll konsistenti bejniethom u jikkonfermaw l-istorja li ta l-imputat. Tali assessjar u rapporti jkunu

[5] Ara a fol. 104 tal-proċess.

[6] Ara a fol. 105 tal-proċess.

> saru fuq medda ta snin, u jkunu saru għal raġunijiet differenti. Il-fatt li hemm konsistenza juri li l-imputat ma provax jaħbi jew jgħawweġ il-fatti skont kif kien jaqbillu fir-rakkonti jew risposti li ta. Ir-rekords tad-Detox juru li l-aħħar kuntatt li kellu l-imputat magħhom kien fis-sena 2000. It-testijiet għal sustanzi illeċiti meħuda fil-ħabs jew meta kien fuq Parole f'dawn l-aħħar dsatax il-sena, kienu kollha negattivi."[7]

Illi madankollu, minkejja illi jirriżulta b'mod ċar illi l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien mertu tal-każ odjern, kif ingħad iżjed 'il fuq, iridu jiġu sodisfatti wkoll ir-rekwiżiti l-oħra li tirrikjedi l-liġi fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537.

Il-Qorti hawnhekk qed tagħmilha ċara illi permezz ta' dan id-digriet la qegħda tesprimi ruħha dwar l-elementi kostituttivi tar-reat ta' traffikar tad-droga u lanqas dwar il-kredibilita` o meno tax-xhud Gerald Rapinett. F'dan l-istadju, il-Qorti qegħda sempliċiment tikkunsidra x'kienu ċ-ċirkostanzi allegati fil-konfront tal-imputat għall-fini tad-deċiżjoni tagħha dwar it-talba tad-difiża, u m'hija qegħda bl-ebda mod tiddeċiedi dwar il-mertu jew dwar jekk tqisx illi dawn l-allegazzjonijiet jew l-imputazzjonijiet odjerni ġewx ippruvati fil-grad rikjest mil-liġi. Effettivament, l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jindika bħala waħda mill-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga:

> "(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat"

Il-liġi hawnhekk titkellem dwar ir-reat li bih il-persuna akkużata hija mixlija u mhux dwar ir-reat li dwaru dik il-persuna tinstab ħatja. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, dak li hija trid tikkunsidra f'dan l-istadju u mingħajr ma tesprimi ruħha dwar il-mertu, huwa r-reat kif addebitat u ċ-ċirkostanzi allegati u li fuqhom qegħda tistrieħ il-Prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jibda biex jingħad illi l-allegazzjonijiet li għamel Gerald Rapinett u li fuqhom jidher illi l-Prosekuzzjoni qed tibbaża l-każ tagħha kienu tnejn: fl-ewwel lok, illi l-imputat talab lil Rapinett sabiex ibiegħlu d-droga eroina u kokaina li l-istess imputat kellu moħbija sabiex b'hekk Rapinett jgħaddilu r-rikavat mill-istess bejgħ u fit-tieni lok, illi l-istess Rapinett kien għamel żmien jakkwista d-droga kokaina mingħand l-istess imputat.

Dwar l-ewwel allegazzjoni, li kieku din kellha tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti ma tarax kif jista' jingħad illi ġie ppruvat, f'dak il-każ, illi l-

[7] Ara a fol. 122 tal-proċess.

allegat reat kien sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tal-imputat fuq id-droga. Li kieku l-imputat verament ta struzzjonijiet lil Rapinett sabiex ibiegħlu d-droga li kellu moħbija u jgħaddilu r-rikavat, meta l-istess imputat kien jinsab il-ħabs, ma jirriżultax kif dan seta' kien dovut għall-istess dipendenza tal-imputat.

Dwar it-tieni allegazzjoni, il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, liema stqarrija ġiet ikkonfermata minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima, l-istess Gerald Rapinett jgħid illi huwa għamel żmien jixtri d-droga kokaina mingħand l-imputat. Fi kliemu "*Kont ghamilt madwar erba' jew hames xhur nixtri minn ghandu. Is-soltu kont nixtri l-coke minn ghandu u kont nixtri bejn tlieta u hames nofs gramem kuljum*."[8] Dejjem skont dak li jgħid Rapinett allura, u jekk wieħed jieħu l-iqsar perjodu ta' żmien – u ċioe` erba' xhur – u l-iżgħar ammont ta' droga – u ċioe` tliet nofs grammi kuljum, jiġifieri gramma u nofs kuljum – dan ifisser illi allegatament Rapinett akkwista ċirka 180 gramma droga kokaina f'dan il-perjodu.

L-artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga."

Il-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jgħidu hekk:

> "L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:
>
> herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma

[8] Ara a fol. 7 tal-proċess verbal li jinsab esebit a fol. 38 tal-proċess.

cannabis (qanneb indjan): anqas minn 300 gramma"

Għalhekk la darba l-kwantita` ta' droga kokaina allegatament akkwistata da parti ta' Rapinett mingħand l-imputat mhijiex inqas minn 100 gramma, l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 ma jistax isib applikazzjoni fil-każ odjern.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiċħad it-talba tad-difiża sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat